# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1499

**tat-28 ta' Lulju 2020**

**dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fl-Italja**

*(notifikata bid-dokument C(2020) 5026)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

### 1. FATTI

(1) Fit-3 ta' Diċembru 2019, Enel Green Power ("l-Applikant") ressaq talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-Talba"). It-Talba tikkonforma mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 ([2]).

(2) It-Talba tikkonċerna l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/25/UE, ipprovduti mill-Applikant fl-Italja. Is-servizzi kkonċernati huma deskritti fit-talba kif ġej: enerġija solari, eolika, miniidroelettrika u ġeotermali. L-applikant ma jinkludix il-bijomassa u l-bijogass fit-talba billi jargumenta li, abbażi tal-prattika tal-Kummissjoni, l-iskemi ta' inċentivi li attwalment jappoġġaw dawn it-teknoloġiji jridu jwasslu għall-konklużjoni li s-swieq relatati għadhom mhumiex esposti b'mod dirett għall-kompetizzjoni.

(3) It-Talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni raġunata u sostanzjata adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti. Konsegwentement, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni dwar it-Talba fi żmien 105 ġranet ta' xogħol. L-iskadenza inizjali ġiet sospiża f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE. L-iskadenza miftiehma bejn l-Applikant u l-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tiskadi fil-31 ta' Lulju 2020.

### 2. QAFAS ĠURIDIKU

(4) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet, li fost l-oħrajn huma relatati mal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/25/UE, sakemm l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(5) Skont id-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva 2014/25/UE ma għandhomx ikunu soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq, din l-attività tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jistgħu jinkludu l-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta' prodotti jew ta' servizzi alternattivi meqjusa bħala sostitwibbli fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tad-domanda, il-prezzijiet u l-preżenza reali jew potenzjali ta' iktar minn fornitur tal-prodotti jew fornitur tas-servizzi wieħed inkwistjoni.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

## 3. **VALUTAZZJONI**

### 3.1. **Aċċess mhux ristrett għas-suq**

(6) L-aċċess għal suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu għall-kompetizzjoni. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, li fir-rigward tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, tinkludi d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(7) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-Italja ttrasponiet id-Direttiva 2009/72/KE fid-dritt nazzjonali permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011, emendat iktar tard permezz tal-Artikolu 26 tal-Liġi Nru 115/2015 u l-Artikolu 33 tal-Liġi Nru 122/2016. Għaldaqstant, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li mhuwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

### 3.2. **Esponiment dirett għall-kompetizzjoni**

(8) Jenħtieġ li l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jiġi evalwat abbażi tad-diversi indikaturi, li l-ebda wieħed minnhom mhuwa deċiżiv *per se*. Fir-rigward tas-swieq ikkonċernati minn din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi prinċipali f'suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed, li jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Billi l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma koperti mit-Talba, meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni kompetittiva jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fis-swieq rilevanti.

(9) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u għal oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. Il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, b'mod partikolari, mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk użati sabiex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([4]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([5]).

(10) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-Talba humiex esposti għal livell ta' kompetizzjoni, fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, li jiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli dwar l-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati se jsir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-iktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

### 3.3. **Definizzjoni tas-suq/swieq rilevanti**

(11) Fl-2012, fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE ([6]) tagħha, il-Kummissjoni ddefinixxiet li l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli bħala suq separat.

(12) Fl-2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/71 ([7]) fir-rigward tas-suq tal-elettriku tan-Netherlands. Għan-Netherlands, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx hemm bżonn li jiġu definiti swieq separati għall-elettriku skont is-sors tiegħu. Ir-raġunijiet ewlenin għat-tluq mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE fir-rigward tal-Italja kienu dawn li ġejjin: il-fatt li l-elettriku rinnovabbli nbiegħ direttament fis-suq bl-ingrossa u mhux lil entità mhux tas-suq, li hija Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni fil-Ġermanja u Gestore dei

([3]) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([5]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG vs. Il-Kummissjoni*, T-463/14, ECLI:EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/539/UE tas-26 ta' Settembru 2012 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku ġġenerat minn sorsi konvenzjonali fil-Makrożona tat-Tramuntana u l-Makrożona tan-Nofsinhar fl-Italja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li temenda d-Deċiżjoni 2010/403/UE (ĠU L 271, 5.10.2012, p. 4).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/71 tat-12 ta' Diċembru 2017 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 12, 17.1.2018, p. 53).

Servizi Energetici (GSE) fl-Italja, in-nuqqas ta' feed-in ta' prijorità għall-elettriku rinnovabbli, il-fatt li r-rata statutorja ta' remunerazzjoni applikabbli għall-elettriku rinnovabbli kienet fil-forma ta' primjum (għall-kuntrarju ta' rata fissa bħal fil-preċedenti Ġermaniżi u Taljani) u l-fatt li s-sussidji għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kienu soġġetti għal proċess ta' offerti fil-bidu, fejn teknoloġiji differenti kienu qed jikkompetu għal ammont ta' sussidji predefinit.

(13) Fit-Talba attwali, l-Applikant huwa tal-fehma li, fl-Italja, l-elettriku bl-ingrossa minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn sorsi konvenzjonali huwa parti mill-istess suq.

(14) Fis-sottomissjoni tagħha tas-6 ta' Marzu 2020, l-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato ("AGCM") tqis li mhuwiex possibbli li jiġi identifikat suq separat għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli differenti minn dak tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi konvenzjonali. L-awtorità tinnota li l-produzzjoni rinnovabbli u konvenzjonali jistgħu jiġu sostitwiti b'mod perfett mil-lat tal-issodisfar tad-domanda għall-elettriku u li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli mibjugħa f'kundizzjonijiet tas-suq huwa għoli (iktar minn 50 % tat-total). F'dan il-kuntest, AGCM issostni li l-inċentivi mogħtija għall-produzzjoni minn sorsi rinnovabbli tnaqqsu b'mod sinifikanti mill-2012, u maż-żmien il-livell tagħhom kellu t-tendenza li jiżgura sempliċiment kumpens tal-kostijiet imġarrba mill-produtturi tal-elettriku.

(15) Il-Kummissjoni tinnota li l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fl-Italja hija appoġġata minn għadd ta' skemi b'karatteristiċi differenti.

(16) Il-Kummissjoni kienet analizzat il-karatteristiċi ta' erba' skemi li jappoġġaw il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE tagħha fir-rigward tal-Italja. Minħabba l-karatteristiċi differenti tal-iskemi introdotti fl-Italja biex jappoġġaw il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli wara dik id-Deċiżjoni, is-suq, għall-fini tal-analiżi f'dawn il-premessi, se jinqasam bejn, minn naħa l-waħda, skemi introdotti fl-Italja biex jappoġġaw il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli analizzati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE u, min-naħa l-oħra, skemi introdotti fl-Italja biex jappoġġaw il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli wara dik id-Deċiżjoni.

(17) F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed isemmi li, fis-swieq ikkonċernati, mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Għalhekk, il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawk ir-regoli, meta jaġixxu f'dawk is-swieq, normalment ikollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq l-atturi tas-suq li jkunu soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

### 3.4. **Definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti**

(18) Fis-settur tal-elettriku, is-suq ġeografiku rilevanti ħafna drabi jitqies bħala nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Madankollu, iż-żona ġeografika rilevanti tista' tiddependi wkoll fuq il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti li tirrifletti l-limitazzjonijiet tan-network.

(19) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE, il-Kummissjoni sabet li minħabba l-preżenza ta' restrizzjonijiet tan-network, għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) kinux issodisfati, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, is-swieq ġeografiċi rilevanti għall-produzzjoni u għall-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat minn sorsi konvenzjonali tqiesu bħala l-Makrożona tat-Tramuntana u l-Makrożona tan-Nofsinhar.

(20) Fir-rigward tas-suq ġeografiku, l-Applikant huwa tal-fehma li huwa nazzjonali.

(21) Fis-sottomissjoni tagħhom tas-6 ta' Marzu 2020, l-awtoritajiet Taljani jindikaw li d-differenza fil-prezz bejn il-Makrożona tan-Nofsinhar u Sardinja tnaqqset għal kważi 0, filwaqt li d-differenza fil-prezz bejn il-Makrożona tan-Nofsinhar u l-Makrożona ta' Sqallija tnaqqset. AGCM tenfasizza l-proċess ta' dekonċentrazzjoni li affettwa s-suq fl-Italja, kif jidher mit-tnaqqis kostanti fl-indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI) fil-livell nazzjonali (549 fl-2018, 686 fl-2017, 713 fl-2016 u 884 fl-2012). Il-kalkolu tal-HHI kien ipprovdut mill-Applikant fis-sottomissjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019. Madanakollu, AGCM tinnota li mill-inqas għal Makrożona waħda (Sqallija), il-prezz taż-żona jidher li għadu differenti b'mod permanenti u b'mod sinifikanti minn dak tal-bqija tal-pajjiż.

([8]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

(22) Il-Kummissjoni taqbel li l-iżviluppi fid-differenzi fil-prezzijiet matul l-aħħar tmien snin urew konverġenza sinifikanti ħafna bejn il-Makrożoni. Madankollu, jidher li l-persistenza ta' primjum ta' prezz għas-suq fil-Makrożona ta' Sqallija titlob separazzjoni ta' din iż-żona mill-bqija tas-suq Taljan.

(23) Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tikkunsidra żewġ swieq ġeografiċi rilevanti: minn naħa l-waħda, il-Makrożoni tat-Tramuntana, tan-Nofsinhar u ta' Sardinja, u min-naħa l-oħra, il-Makrożona ta' Sqallija.

### 3.5. **Analiżi tas-suq**

(24) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE tagħha, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali biss jistgħu jiġu eżentati mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Id-Deċiżjoni ddikjarat li l-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE jenħtieġ li titqies li ġiet issodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali fit-territorju tal-Italja, bl-eċċezzjoni ta' Sardinja u ta' Sqallija. Id-Deċiżjoni analizzat il-karatteristiċi ta' erba' skemi ta' inċentivi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(25) Il-mekkaniżmu tal-Comitato Interministeriale Prezzi (CIP6) tad-29 ta' April 1992 jikkonsisti f'tariffa feed-in statutorja għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi simili għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-elettriku prodott f'impjanti ta' ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-enerġija. Dan il-mekkaniżmu jkopri l-kostijiet operatorji, il-kost kapitali, il-kost tal-fjuwil u jinkludi wkoll komponent ta' inċentiv applikabbli fl-ewwel tmien snin tal-ħajja.

(26) Tariffa omnikomprensiva ("TO") tapplika għal impjanti b'kapaċità installata ta' inqas minn 200 kW għall-parks eoliċi u ta' inqas minn 1 MW għal tipi oħra ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Din is-sistema hija garantita għal 15-il sena, hija volontarja u alternattiva għas-sistema taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi. It-tariffa omnikomprensiva tinkludi l-prezz tal-enerġija u inċentiv.

(27) Il-mekkaniżmu taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi ("CV") huwa bbażat fuq l-impożizzjoni ta' kwoti obbligatorji għall-produtturi u għall-importaturi tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali, li kull sena għandhom jissottomettu numru ta' Ċertifikati Ekoloġiċi. Iċ-Ċertifikati Ekoloġiċi mbagħad jiġu allokati lill-impjanti tal-enerġija rinnovabbli skont is-sors tal-enerġija prodott u jistgħu jiġu skambjati f'suq separat, distint minn dak għall-enerġija. Il-produtturi tal-elettriku rinnovabbli jirċievu dħul mill-bejgħ tal-enerġija rinnovabbli u, bħala inċentiv, dħul mill-bejgħ taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi. Il-valur taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi huwa ddeterminat mir-relazzjoni bejn id-domanda (mill-produtturi u l-importaturi tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali) u l-provvista (mill-produtturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli). L-iskemi taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi japplikaw għall-installazzjonijiet 'il fuq minn 1 MW (ħlief għall-installazzjonijiet fotovoltajċi) u għall-enerġija eolika ta' 'l fuq minn 200 kW.

(28) Iċ-Ċertifikati Ekoloġiċi ġew modifikati f'Jannar 2016 u ngħataw l-isem ġdid ta' GRIN. Taħdem permezz ta' primjum ta' kull tliet xhur imħallas flimkien mal-prezz tal-elettriku lill-benefiċjarji tal-iskema. L-ammonti mħallsa u t-tul tagħhom fil-qafas ta' GRIN huma eżattament l-istess bħal dak li l-benefiċjarji kieku kienu jirċievu fil-qafas taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi l-antiki.

(29) Is-sistema tal-Kontijiet tal-Enerġija ("CE") tinċentiva l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi fotovoltajċi u tirrappreżenta żieda fil-primjum li permezz tagħha, il-produtturi jirċievu l-prezz tas-suq fis-Suq ta' Ġurnata bil-Quddiem u tariffa ta' inċentiv. Din is-sistema ta' inċentivi hija garantita għal 20 sena.

(30) Abbażi tal-karatteristiċi ta' dawn l-iskemi, u l-ispeċifiċitajiet tal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat, fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE tagħha, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li l-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni ma kinitx issodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli. Billi l-kundizzjonijiet għal dawn l-iskemi fil-biċċa l-kbira tagħhom ma nbidlux, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni biex tbiddel il-valutazzjoni tagħha.

(31) Għall-iskemi introdotti wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE, dawk l-iktar importanti ġew innotifikati lill-Kummissjoni u ġew awtorizzati skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2726 ([9]) u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4498 ([10]). Dan jimplika li dawn l-iskemi jinkludu remunerazzjoni adegwata fid-dawl tal-kostijiet imġarrba, u li l-għajnuna mogħtija ma toħloqx distorsjoni fis-Suq Uniku.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2726 tat-28 ta' April 2016 dwar l-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4498 tal-14 ta' Ġunju 2019 dwar l-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli 2019-2021.

(32) Fir-rigward tal-iskema stabbilita bid-Digriet Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016, din kienet miftuħa għas-sorsi kollha tal-enerġija rinnovabbli ħlief għall-enerġija fotovoltajka solari. Il-benefiċjarji kienu maqsumin fi tliet kategoriji skont l-impjant tal-enerġija: ġeneraturi kbar ġodda (jiġifieri, b'kapaċità installata ta' iktar minn 5 MW), ġeneraturi ġodda ta' daqs medju (eż. b'kapaċità installata ta' bejn 500 kW2 u 5 MW, din il-kategorija tinkludi wkoll repowering ta' ġeneraturi ta' kwalunkwe daqs) u ġeneraturi iżgħar (jiġifieri, b'kapaċità installata ta' mhux iktar minn 500 kW). Il-Kummissjoni rrimarkat li, għat-teknoloġiji eliġibbli fil-qafas tal-iskema, il-Kost Livellat tal-Enerġija ("LCOE", Levelized Cost of Energy) ikun ogħla mill-prezz tas-suq tal-elettriku mistenni u li, mingħajr l-għajnuna u f'kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Valur Preżenti Nett ("NPV", Net Present Value) għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli jkun negattiv.

(33) Fir-rigward tal-iskema stabbilita bid-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Lulju 2019, din tikkonsisti f'għajnuna operatorja għall-produzzjoni tal-elettriku minn installazzjonijiet li jużaw it-teknoloġiji rinnovabbli li ġejjin: enerġija eolika, fotovoltajka solari, idroelettrika, u tal-gassijiet tad-drenaġġ. Kif kien il-każ fid-Deċiżjoni C(2016) 2726, il-Kummissjoni nnutat li għat-teknoloġiji eliġibbli fil-qafas tal-iskema, l-LCOE tkun ogħla mill-prezz tas-suq tal-elettriku mistenni. Mingħajr l-għajnuna u f'kundizzjonijiet normali tas-suq, l-NPV għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli għalhekk ikun negattiv. Il-Kummissjoni kkonkludiet li mingħajr l-għajnuna, il-proġetti li jibbenefikaw mill-iskema ma jkunux finanzjarjament vijabbli.

(34) Ġiet introdotta skema speċifika permezz ta' Digriet Ministerjali tal-14 ta' Frar 2017 għall-gżejjer żgħar. Dawn huma 20 gżira, li 14 minnhom jinsabu fi Sqallija, li mhumiex interkonnessi man-network tal-elettriku tal-kontinent. Dawn ikopru erja ta' iktar minn kilometru kwadru, jinsabu iktar minn 1 km mill-kontinent u għandhom popolazzjoni residenti ta' mill-inqas 50. Għal kull gżira, ġew identifikati miri speċifiċi tal-elettriku u termali għat-tranżizzjoni tal-enerġija għall-2030. L-aċċess jingħata għall-kostruzzjoni ġdida, għat-titjib u għar-riattivazzjoni ta' installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-elettriku ta' mhux inqas minn 0,5 kW, li bdew joperaw mill-15 ta' Novembru 2018, li huma konnessi mal-grilja tal-elettriku tal-gżira u li jitħaddmu minn sorsi rinnovabbli disponibbli lokalment. Il-benefiċjarji jirċievu tariffa feed-in għall-elettriku mibjugħ fuq il-grilja u primjum tal-feed-in għall-elettriku prodott u kkunsmat mill-ewwel fis-sit.

(35) Ritiro Dedicato ("RID") huwa mekkaniżmu biex il-manifatturi jitqiegħdu fis-suq għall-elettriku introdott fil-grilja. Dan jikkonsisti fil-bejgħ lill-GSE ta' elettriku u jissostitwixxi kwalunkwe obbligu kuntrattwali ieħor relatat (fost l-oħrajn) mad-dispaċċ u s-servizzi tat-trasport tal-enerġija. L-installazzjonijiet b'inqas minn 10 MW ta' enerġija huma eliġibbli għall-RID, flimkien ma' installazzjonijiet bi kwalunkwe enerġija jekk ikunu fornuti b'[enerġija solari, eolika, mill-marea, mill-mewġ, ġeotermali jew minn sorsi idrawliċi limitati għal impjanti tal-fluss tal-ilma jew minn] sorsi rinnovabbli oħrajn diment li jkunu l-proprjetà ta' awtoproduttur. L-RID huwa alternattiva għall-inċentivi mogħtija fil-qafas tal-iskemi l-oħrajn stabbiliti bid-Digrieti Ministerjali tal-5 ta' Lulju 2012, tas-6 ta' Lulju 2012, tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019.

(36) Scambio sul Posto ("SSP") jippermetti kumpens ekonomiku bejn il-valur assoċjat mal-elettriku introdott fil-grilja u l-valur assoċjat mal-elettriku meħud u kkunsmat f'perjodu differenti minn dak li fih jiġi prodott l-elettriku. Dan japplika għall-installazzjonijiet, li bdew joperaw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 jekk ikunu fornuti minn sorsi rinnovabbli jew minn Sħana u Enerġija Kkombinati ta' Effiċjenza Għolja (HE CHP) b'potenza massima li ma taqbiżx il-200 kW, jew impjanti b'kapaċità sa 500 kW jekk ikunu mħaddma minn sorsi rinnovabbli u li jkunu daħlu fis-servizz mill-1 ta' Jannar 2015. L-SSP hija alternattiva għall-inċentivi mogħtija skont l-iskemi l-oħrajn stabbiliti bid-Digrieti Ministerjali tal-5 ta' Lulju 2012, tas-6 ta' Lulju 2012, tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019.

(37) Il-Kummissjoni tinnota li l-iskemi stabbiliti bid-Digrieti Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019 jinkludu proċess ta' offerti biex wieħed jibbenefika mill-inċentivi.

(38) Il-Kummissjoni tinnota li l-livell ta' kompetizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskemi stabbiliti bid-Digrieti Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019 żdied, b'għadd kbir ta' applikanti u offerti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-installazzjoni tal-ġenerazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li tibbenefika mill-iskemi l-iktar reċenti topera f'ambjent kompetittiv.

(39) Fir-rigward tat-tliet skemi l-oħra, l-iskema stabbilita bid-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Frar 2017, l-RID u l-SSP, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi biex tikkonkludi li l-benefiċjarji huma soġġetti għal pressjoni kompetittiva. Uħud mill-karatteristiċi tagħhom, bħal tariffa feed-in jew il-fatt li l-enerġija prodotta tinxtara mill-GSE, huma simili għal dawk ta' skemi oħra analizzati fid-Deċiżjoni tal-2012.

## 4. **KONKLUŻJONIJIET**

(40) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, il-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala li ġiet issodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli abbażi tal-iskemi introdotti bid-Digrieti Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019 fl-Italja.

(41) Barra minn hekk, billi l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li ġiet issodisfata, id-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li ma tapplikax meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli abbażi tal-iskemi introdotti bid-Digrieti Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019 fl-Italja u lanqas meta jorganizzaw kompetizzjonijiet ta' disinn għat-twettiq ta' attività bħal din f'dik iż-żona ġeografika.

(42) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala li ma ġietx issodisfata fid-dawl tal-entitajiet kontraenti fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli abbażi tal-iskemi introdotti mis-CIP6, is-CV/GRIN, is-CE, it-TO, id-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Frar 2017, l-RID u l-SSP. Konsegwentement, id-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li tkompli tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' dik l-attività li trid titwettaq fl-Italja u meta jorganizzaw kompetizzjonijiet ta' disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(43) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, il-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala ssodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli fl-Italja, ħlief fi Sqallija.

(44) Minħabba li l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli koperta mill-iskemi tas-CIP6, is-CV/GRIN, is-CE, it-TO, id-DM tal-14 ta' Frar 2017, ir-RID u l-SSP jenħtieġ li tibqa' tkun soġġetta għad-Direttiva 2014/25/UE, huwa mfakkar li l-kuntratti ta' akkwist pubbliku li jkopru diversi attivitajiet iridu jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva. Dan ifisser li, meta entità kontraenti tkun involuta f'akkwist "imħallat", jiġifieri akkwist użat biex jappoġġa l-prestazzjoni kemm tal-attivitajiet eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE kif ukoll tal-attivitajiet li mhumiex eżentati minnha, iridu jitqiesu l-attivitajiet li għalihom huwa intenzjonat primarjament il-kuntratt. F'każ ta' tali akkwist imħallat, meta l-fini jkun prinċipalment l-appoġġ tal-attivitajiet li mhumiex eżentati, iridu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE. Meta jkun oġġettivament impossibbli li wieħed jiddetermina għal liema attività jkun primarjament intiż il-kuntratt, il-kuntratt irid jingħata f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

(45) Huwa mfakkar li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jipprevedi eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti meta, għall-Istat Membru li fih ikunu se jitwettqu l-konċessjonijiet, ikun ġie stabbilit skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE li l-attività hija esposta direttament għall-kompetizzjoni f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. Billi ġie konkluż li l-attività tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli bbażata fuq l-iskemi introdotti bid-Digrieti Ministerjali DM tat-23 ta' Ġunju 2016 u DM tal-4 ta' Lulju 2019 fl-Italja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet fl-Italja (minbarra Sqallija) se jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE.

(46) Meta l-installazzjonijiet ma jibqgħux jirċievu appoġġ mis-CIP6, is-CV/GRIN, is-CE, id-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Frar 2017, l-RID u l-SSP, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li ma jibqgħux japplikaw għalihom, peress li jitqiesu li huma esposti għall-kompetizzjoni.

(47) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali minn April 2017 sa Mejju 2020 kif jidher mill-informazzjoni sottomessa mill-Applikant, mill-Awtoritajiet Taljani u minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Jekk il-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jaf tiġi rieżaminata, wara bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ġuridika u fattwali,

([11]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli abbażi tal-iskemi introdotti bid-Digrieti Ministerjali tat-23 ta' Ġunju 2016 u tal-4 ta' Lulju 2019 li jridu jitwettqu fl-Italja.

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 2014/25/UE għandha tkompli tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, li jirċievu appoġġ minn kwalunkwe waħda mill-iskemi ta' appoġġ li ġejjin, li jridu jitwettqu fl-Italja:

(a) il-Comitato Interministeriale Prezzi (CIP6) tad-29 ta' April 1992;

(b) il-mekkaniżmu taċ-Ċertifikati Ekoloġiċi jew il-GRIN;

(c) is-sistema tal-Kontijiet tal-Enerġija;

(d) it-tariffa omnikomprensiva;

(e) id-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Frar 2017;

(f) il-mekkaniżmu Ritiro Dedicato;

(g) Scambio sul Posto.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Thierry BRETON
*Membru tal-Kummissjoni*